MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1220/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**EMILIANO LICENZIATI**
**(ID Nru. 716428A)**

Illum, 15 ta` Dicembru, 2014.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emiliano Licenziati, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 716428A.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tnejn (02) ta` Dicembru, 2014, bejn it-tmienja u kwart u l-hdax nieqsin kwart ta` filghaxija (20:15hrs – 22:45hrs) minn gewwa St. James, Triq il-Baltiku, San Giljan u / jew fil-vicinanzi:

Ikkommetta serq ta` flus kontanti liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna, bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta` Nunzio Antignani u / jew persuni ohra u / jew entitajiet ohra;

Ukoll talli halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu seta b'ligi li jaghti l-gurament;
Ukoll talli fl-ewwel (01) ta` Frar, 2014, f'dawn il-Gzejjer, iddenunzja lill-Pulizija esekuttiva reat/i li kien jaf li ma sarx u bil-qerq holoq tracci ta` reat b'mod li setghu nbdew procedure kriminali kontra persuna/i.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (d) (e) (f), 263 (a), 265, 267, 268 (d), 269 (g), 270, 279 (b), 108 (1) (b), 188 u 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, tikkunsidra l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) kif ukoll li jhallas lura lill-*parte civile* s-somma hekk likwidata ta` tletin elf ewro (€30,000) fi zmien

xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------